MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Awwissu, 2006

Numru. 23/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**V**

**RAYMOND CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RAYMOND CAMILLERI** bin Joseph u Coronata nee Muscat, imwieled nhar t-tlettax ta' Settembru 1979 u residenti 'Metallica', Triq t-Telegrafu, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 22979G gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar t-tmintax ta' Dicembru 2004 ghal habta tal-hdax ta' filghodu waqt li kien fi Triq t-Telegrafu, Nadur Ghawdex:

1. Saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BAU 993 tal-ghamla Fiat b’manjiera traskurata;

2. Talli saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BAU 993 tal-ghamla Fiat b’manjiera perikoluza;

3. Talli b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti saq fid-direzzjoni ta’ Therese Debono minn Nadur, Ghawdex;

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura bi speed eccessiv.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tisskwalifka lil hati minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidhrilha xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil Carmel Debono, lil PS 1377 Noel Cilia u lil Theresa Debono.

Semghet wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju u lil Joseph Camilleri bhala xhud tad-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta ta’ nhar t-tmintax ta’ Lulju 2006.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, jirrizulta li Carmel Debono ghal habta tas-saghtejn u kwart ta’ wara nofsinhar ghamel rapport permezz tat-telefon l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat, Ghawdex, li waqt li kien qieghed ma martu Theresa, ghal habta tal-hdax ta’ filghodu tal-istess jum, idahhlu l-vettura taghhom fil-garaxx fi Triq t-Telegrafu, Nadur, l-imputat ghadda bil-vettura tieghu tal-ghamla Fiat u saq fid-direzzjoni ta’ martu u dan bi speed eccessiv ta’ madwar hamsa w hamsin mil fis-siegha. Dan r-rapport gie kkonfermat kemm minn Carmel Debono kif wkoll minn martu Theresa viva voce l-Qorti.

Gie ppurvat wkoll li l-imputat, li gie mitkellem mill-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, verament ghandu vettura tal-ghamla Fiat bin-numru ta' registrazzjoni BAU 993. L-imputat pero jichad li dak l-hin li gie ndikat lilu, huwa ghadda minn quddiem il-kwerelanti bil-vettura tieghu. Viva voce l-Qorti l-imputat cahad li qatt ghadda mit-triq fil-hin u l-gurnata ndikati lilu u stqarrr li kien fid-dar ta' missieru fi Triq tat-Targa, n-Nadur.

Illi ghalhekk din il-kawza tiddependi biss fuq il-kredibilita tax-xhieda mismugha u thoss li l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-kwerelanti, ghandha aktar mis-sewwa w ghalhekk **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 15(1)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali numru 128 tas-sena 1994 **tiddikjara li qed issib lil imputat RAYMOND CAMILLERI hati tal-ewwel [1], t-tieni [2] w r-raba [4] akkuza kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' erbghin [40] lira maltin komplessivament.**

Oltre dan ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal perjodu ta' xahar mill-lum** filwaqt li tiddikjara **li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet [3] akkuza peress li kif inhi formulata l-akkuza ma tikkostitwix reat**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------